31973R0199

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 199/73 TAL-KUMMISSJONI
tad–29 ta' Diċembru 1972
li jissupplementa, għar-rigward taċ-ċereali, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2622/71, (KEE) Nru 837/72 u (KEE) Nru 1503/72 wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Komunitajiet

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat [1] dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fil-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari Artikolu 153 ta' l-Att [2] anness miegħu;

Billi Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2622/71 [3] tad-9 ta' Diċembru 1971 dwar regoli dettaljati li jirrigwardaw l-importazzjoni tas-segala mit-Turkija jeħtieġ approvazzjoni f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Komunità kif oriġinarjament kostitwit fuq iċ-ċertifikat dwar ċaqlieq A. TR. 1;

Billi Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 837/72 [4] ta' l-24 ta' April 1972 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali dwar *levies* u rifużjonijiet iffissati minn qabel għaċ-ċereali jeħtieġ approvazzjoni f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Komunità kif oriġinarjament kostitwita dwar liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni meta dawn jiġu kanċellati kif stabbilit f'Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1503/72 [5] tat-13 ta' Lulju 1972 li jkompli jemenda l-Anness tar-Regolament Nru 451/67/KEE li jistabbilixxi l-kwantità ta' patata meħtieġa għall-produzzjoni ta' 100 kilogramma ta' lamtu jinkludi l-Anness b'intestaturi bl-erba' ilsna uffiċjali tal-Komunità kif oriġinarjament kostitwita;

Billi, minħabba t-tkabbir tal-Komunitajiet, ir-Regolamenti hawn fuq imsemmija għandhom jiġu emendati permezz taż-żjieda ta' l-approvazzjonijiet u intestaturi Ingliżi u Daniżi, rispettivament, ma' l-Artikoli u l-Anness in kwistjoni;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma miżjuda ma' Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2622/71:

"Taxxa speċjali dwar l-esportazzjoni taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1234/71 imħallas f'ammont ta'…".

"Særlig udførselsafgift i henhold til forordning (EØF) nr. 1234/71, betalt med et beløb på …".

Artikolu 2

Dawn li ġejjin għandhom jiżdiedu ma' Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 837/72:

— "Iffissar minn qabel kanċellat skond ir-Regolament (KEE) Nru 837/72".

— "forundfastsættelsen annulleret — anvendelse af forordning (EØF) nr. 837/72".

Artikolu 3

Dan li ġej huwa miżjud ma' l-intestaturi fil-kolonni ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1503/72:

(1) ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 5.
(2) ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 14.
(3) ĠU L 271, ta' l-10.12.1971, p. 22
(4) ĠU L 98, tal-25.4.1972, p. 10.
(5) ĠU L 158, ta' l-14.7.1972, p. 29.

Piż taħt l-ilma ta' 5 050 g patata (grammi)	Kontenut ta' lamtu fil-patata %	Kwantità ta' patata meħtieġa għall-manifattura ta' 100 kg lamtu (kg)	Prezz minimu *free-at factory* li jrid jitħallas mill-manifattura tal-patata għal 100 kg patata (u.a)	Prezz minimu li għandu jitħallas lil min ikabbar il-patata għal kull 100 kg patata (u.a)

Piż taħt l-ilma ta' 5 050 g patata (grammi)	Kontenut ta' lamtu fil-patata %	Kwantità ta' patata meħtieġa għall-manifattura ta' 100 kg lamtu (kg)	Prezz minimu *free-at factory* li jrid jitħallas mill-manifattura tal-patata għal 100 kg patata (u.a)	Prezz minimu li għandu jitħallas lil min ikabbar il-patata għal kull 100 kg patata (u.a)

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1973. Għandu japplika mill-1 ta' Frar 1973.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Diċembru 1972.

Għall-Kummissjoni

S. L. MANSHOLT

Il-President